| | |
|---|---|
| Impatt viżwali | Il-proġett propost jinsab fil-konfini eżistenti tal-Malta Freeport Terminal Ltd, li huwa ddominat minn krejnijiet eżistenti. F'dan ir-rigward, l-ebda impatt viżiv sinifikanti huwa previst mill-proġett propost. |
| *Visual Impact* | *The proposed project is located within the confines of the existing Malta Freeport Terminal Ltd. which is dominated with the heights of the existing crane structures. In this regard, no significant visual impacts from the proposed project are envisaged.* |
| Imaniġġjar tal-iskart | L-ammont ta' skart solidu li x'aktarx jiġi prodott mill-proġett waqt il-kostruzzjoni mhux probabbli li jkun sinifikanti meta wieħed jikkonsidra l-lokalità u l-iskop tal-proposta kif ukoll in-natura tal-użu eżistenti tal-madwar. Il-kwantitajiet u n-natura tal-iskart prodott x'aktarx ikunu maniġġabbli permezz ta' proċeduri u faċilitajiet għall-immaniġġjar tal-iskart stabbiliti |
| *Waste Management* | *The amounts of solid wastes likely to be produced by the project during construction of the project are not likely to be significant noting the location and scope of the proposal and the nature of the existing surrounding land uses. The quantities and nature of the waste produced are likely to be manageable through established waste management procedures and facilities.* |
| Ħsejjes | Il-proġett propost jinsab fil-konfini eżistenti tal-Malta Freeport Terminal Ltd. Il-kostruzzjoni u l-operatt tal-proġett probabbli mhux se jwasslu għal impatti sinifikanti ta' storbju ma' dak eżistenti. |
| *Noise* | *The proposed project is located within the confines of the existing Malta Freeport Terminal Ltd. grounds. The construction and operation requirements of the project are thus not likely to give rise to significant noise impacts in consideration of the existing baseline.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista' jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

L-10 ta' Mejju, 2016

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

10th May, 2016

**Nru. 454**

**AWTORITÀ GĦALL-AMBJENT U R-RIŻORSI (ERA)**

**Notifika dwar l-Eżenzjoni minn Studju tal-Impatt Ambjentali**

BI qbil mar-Regolament 3(8) tar-Regolamenti tal-2007 dwar l-Istima tal-Impatt fuq l-Ambjent (S.L. 504.79), u minħabba li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi jidhrilha li l-proposta mhux probabbli li jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent, id-Direttur jaqbel li l-proposta ma teħtieġx Studju dwar l-Impatt Ambjentali (EPS).

Id-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li ġiet ippreżentata bħala parti mill-applikazzjoni kkunsidrat b'mod suffiċjenti l-kwistjonijiet li jolqtu l-ambjent u għaldaqstant it-tħejjija ta' studju dwar l-impatt ambjentali mhux se jżid informazzjoni ġdida peress li l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi għandha l-informazzjoni kollha meħtieġa sabiex tiddeċiedi dwar din l-applikazzjoni. Skont l-informazzjoni li ġiet ippreżentata fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) u fil-valutazzjoni li saret skont l-Iskeda IB tal-istess Regolamenti, ma jidhirx li l-proposta se jkollha impatti sinifikanti fuq l-ambjent.

**No. 454**

**ENVIRONMENT AND RESOURCES AUTHORITY (ERA)**

**Notification of Exemption from Environmental Planning Statement**

IN conformity with Regulation 3(8) of the Environmental Impact Assessment Regulations (S.L. 504.79) with respect to the application mentioned hereunder and in view of the fact that the Environment and Resources Authority has determined that the proposal is unlikely to have significant environmental impacts, the Director agrees that the proposal does not require the preparation of an Environmental Planning Statement (EPS).

The Project Description Statement (PDS) presented as part of the application has considered the environmental issues in a sufficient manner such that the preparation of an EPS would not add any new information and the Environment and Resources Authority has all the necessary information to determine the application. From the information presented in the PDS and screening according to Schedule IB of the same Regulations, the proposal is not likely to have significant environmental effects.

Ġustifikazzjoni dettaljata tinstab hawn taħt:

Numru ta’ Riferenza: TRK158901
Post: Malta L-Arka ta’ Noe, Triq Il-Muża, Is-Siġġiewi
Proposta: Sanzjonar tal-Arka ta’ Noe, *zoo* terapewtiku eżistenti

Dawn l-impatti potenzjali fuq l-ambjent, flimkien ma’ numru ta’ miżuri biex jittaffa l-impatt, ġew identifikati fid-Deskrizzjoni tal-Proġett (PDS) li kien sottomess lill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi fl-10 ta’ Novembru, 2015 u fil-ġustifikazzjoni għall-eżenzjoni mill-Istudju dwar l-Impatt Ambjentali li ġiet sottomessa fl-1 ta’ Frar, 2016.

A detailed justification is presented below:

Reference Number: TRK158901
Location: L-Arka ta’ Noe, Triq Il-Muża, Siġġiewi
Proposal: Sanctioning of existing l-Arka ta’ Noe therapeutic zoo

The following potential environmental impacts were identified and mitigation measures proposed in the Project Description Statement (PDS) submitted to the Environment and Resources Authority on the 10th November, 2015 and the justification for the exemption from carrying out an Environmental Impact Assessment (EIA) submitted on 1st February, 2016.

| **Impatti potenzjali**<br>***Potential Impacts*** | **Rimarki fuq miżuri biex jittaffa l-impatt, eċċ.**<br>***Remarks on mitigation measures, etc.*** |
|---|---|
| Żvilupp ta’ art rurali | L-impenn ad hoc ta’ art rurali għall-żvilupp bħal dan, mingħajr konsiderazzjoni xierqa tal-implikazzjonijiet ambjentali oħra relatati li jistgħu jinkoraġixxu tifrix kontinwu ta’ infrastruttura meħtieġa oħra anċillari fil-madwar immedjat, mhuwiex rakkomandat. Il-prinċipju ta‘ żvilupp bħal dan huwa meħtieġ li jiġi diskuss aktar permezz tal-proċess tal-ippjanar. |
| *Rural Land Take Up* | *The ad hoc commitment of rural land to such development without due consideration of other related environmental implications which may encourage continued sprawl of required ancillary infrastructure in the immediate surroundings, is not recommended. The principle of such development is required to be discussed further through the mainstream development mechanism.* |
| Immaniġġjar tal-iskart u kwalità tal-arja | Id-disinn, il-post u t-tqassim tas-sit jgħinu biex jitnaqqsu l-irwejjaħ matul l-operat, billi jippermettu ventilazzjoni adegwata, u l-immaniġġjar kuljum ta’ l-iskart mill-annimali għandu jevita l-ħażna tal-istess skart biex jevita l-ġenerazzjoni eċċessiva ta’ rwejjaħ. Dawn il-miżuri tal-immaniġġjar tal-iskart u ta’ mitigazzjoni għandhom jiġu amministrati permezz ta’ permess ambjentali. Minħabba n-natura tal-operat, l-immanigjar tal-iskart għandu jiġi indirizzat direttament fl-applikazzjoni tal-iżvilupp u fil-permess ambjentali, fejn skart operattiv għandu jiġi immaniġġjat skond id-dispożizzjoni ta’ Skeda I Attivita 42 fir-Regolamenti dwar ir-Reġistrazzjoni ta’ Attivitajiet fil-Maniġġar ta’ Skart (L.S. 504.78) |
| *Waste Management and Air Quality* | *The design, location and layout of the proposed premises should encourage low emissions during operation, allowing for adequate ventilation, whereas the daily handling of animal waste should seek to avoid the stockpiling of animal waste and excessive generation of odours. These waste management and mitigation measures should be managed through an environmental permit. Due to the nature of the operations, waste management should be addressed directly through the mainstream development permitting and environmental permitting processes, whereby it is noted that operational wastes are to be managed in accordance with the provisions of Schedule I Activity 42 of the Waste Management Activity (Registration) Regulations (S.L. 504.78).* |
| Ħsejjes | Il-kostruzzjoni tal-proġett mhux se jwassal għal impatt ta’ storbju sinifikanti. L-operatt tal-proġett mhux probabbli li jirriżulta fi storbju sinifikanti meta jiġi kkunsidrat n-numru u n-natura ta’ annimali mrobbija fuq il-post, in-numru ta’ impjegati u l-viżitaturi mistennija. |
| *Noise* | *The construction requirements of the project were not likely to give rise to significant noise impacts. The operational phase of the project is not likely to be associated with significant noise emissions in consideration of the number and nature of animals bred on site, the expected number of employees and visitors.* |

Minkejja dak imsemmi hawn fuq, l-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi iżżomm id-dritt li titlob lill-applikant li jissottometti informazzjoni oħra kif jista’ jkun meħtieġ biex tiddeċiedi l-applikazzjoni.

L-10 ta’ Mejju, 2016

Notwithstanding the above, the Environment and Resources Authority reserves the right to request the applicant to submit additional information as may be necessary to determine the application.

10th May, 2016